MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Marzu, 2023

Appell numru 96/2022 LM

**Malcolm Vassallo (K.I. nru. 0343386(M))**
*('l-appellat')*

***vs***

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550)**
*('l-appellanta')*

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Citadel Insurance p.l.c. (C 21550)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], minn lodo arbitrali mogħti fis-26 ta' Ġunju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], mill-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'] fl-atti tal-Arbitraġġ numru 4510/2015, fejn

iddeċieda it-talbiet tar-rikorrent **Malcolm Vassallo (K.I. nru. 0343386(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kif ġej:

> *"...l-arbitru qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrent, b'dan illi l-valur tal-vettura qed jiġi stabbilit bħala €34,500, u kwindi s-soċjetà intimata għandha tħallas lir-rikorrent is-somma ta' €34,500, bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitluba kontra s-soċjetà intimata.*
>
> *Il-kontro-talba qiegħda tiġi miċħuda bl-ispejjeż konta s-soċjetà intimata.*
>
> *L-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ, skont it-taxxa uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok ittra A, għandhom jiġu sopportati mis-soċjetà intimata."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni huma dawn. Il-vettura tat-tip BMW X5 tal-appellat, kif koperta minn polza ta' assigurazzjoni tat-tip *fully comprehensive* maħruġa mis-soċjetà appellanta lill-istess appellat, inħarqet waqt li kienet miżmuma f'garaxx fil-kumpless ta' garaxxijiet f'Salina Park, Block B, Triq il-Fugass, San Pawl il-Baħar, u dan skont rapport li sar mal-Pulizija Eżekuttiva fit-30 ta' April, 2015. L-appellat ippreżenta lis-soċjetà appellanta *ai termini* tal-imsemmija polza ta' assigurazzjoni, talba għar-riżarċiment tal-valur tagħha fl-ammont ta' €35,000, iżda s-soċjetà appellanta permezz tal-ittra tagħha tal-21 ta' Lulju, 2015 innegat kull responsabbiltà filwaqt li għarrfet lill-appellat li l-polza tiegħu kienet nulla *ab initio* stante l-informazzjoni skorretta li kien hemm fil-*proposal form* ippreżentata minnu.

## Mertu

3. L-appellat istitwixxa proċeduri ta' arbitraġġ quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Dikjarazzjoni ppreżentati fit-30 ta' Settembru, 2015, fejn talab:

> *"...illi (i) jiġi dikjarat illi abbażi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip* comprehensive *maħruġa mis-soċjetà intimata relattivament għall-vettura BMW X5 numru ta' reġistrazzjoni JP 12 VBA, l-istess soċjetà intimata hija obbligata li tħallas lir-rikorrenti d-danni u spejjeż minnu sofferti b'riżultat tal-inċident li ġara fit-30 ta' April 2015 (ii) id-danni u spejjeż sofferti mir-rikorrenti jiġu likwidati fis-somma globali ta' ħamsa u tletin elf Euro (€35,000), liema somma tirrappreżenta l-valur tal-vettura* de quo *meta kienet assikurata taħt polza ta' assikurazzjoni tat-tip* comprehensive *maħruġa mis-soċjetà intimata, liema polza iġġib in-numru PCF/469/14/120951 (iii) is-soċjetà intimata tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħamsa u tletin elf Euro (€35,000.00 jew somma oħra verjuri li tiġi hekk likwidata – kollox skont kif fuq intqal u għar-raġunijiet fuq premessi.*
>
> *Bl-ispejjes, u imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att, kontra s-soċjetà intimata li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni".*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet permezz ta' Risposta ppreżentata fiċ-Ċentru fit-12 ta' Novembru, 2015, fejn issottomettiet li għandu jiġi dikjarat li t-talbiet tal-appellat huma miċħuda, filwaqt li għandhom jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet tagħha. Dan filwaqt li ppreżentat kontro-talba fejn talbet:

> *"Dikjarazzjoni li, għar-raġunijiet kollha hawn fuq indikati, il-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà intimata rikonvenjenti favur ir-rikorrent rikonvenut, bin-numru PCF/469/14/120951 għandha titqies nulla u bla ebda effett fil-Liġi, b'dan li ma hiex tenut tħallas ebda somma lir-rikorrent rikonvenut kif talab fit-talba prinċipali"*

5. L-appellat wieġeb għall-kontro-talba permezz ta' Risposta ppreżentata fl-imsemmi Ċentru fil-25 ta' Novembru, 2015 fejn eċċepixxa s-segwenti:

*"a. Illi r-rikorrenti ma għamel l-ebda dikjarazzjoni falza li tista' twassal għall-ksur tal-obbligu ta'* uberrima fidei *u/jew għan-nullità* ab initio *tal-polza ta' assigurazzjoni. Illi dan ma kienx jikkostitwixxi fatt materjali għall-ħruġ o meno tal-polza ta' assikurazzjoni* de quo.

*b. Illi ma kien hemm l-ebda ħabi ta' fatt materjali u l-ebda rapprezentazzjoni falza.*

*c. Illi t-tagħrif li ssemmi s-soċjetà intimata rikonvenjenti ma huwiex materjali għall-finijiet tar-riskju li kellu jiġi kopert mill-polza ta' assikurazzjoni relattiva.*

*d. Illi ma sar l-ebda* insurance fraud, *kif allegat mis-soċjetà intimata rikonvenjenti.*

*e. Illi s-soċjetà intimata rikonvenjenti għandha tiġi kkundannata illi tħallas, taħt il-polza ta' assikurazzjoni PCF.469/14/120951, is-somma mitluba mir-rikorrenti fit-talba prinċipali".*

## Il-lodo arbitrali

6. L-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-lodo arbitrali li wassluh għad-deċiżjoni finali:

***Konsiderazzjonijiet:***

*Illi allura l-bażi kollha ta' dan l-arbitraġġ huwa jekk l-assikurazzjoni kenitx ġustifikata li tikkanċella l-polza, minħabba* non-disclosure *tas-sentenza kriminali da parti tal-attur.*

*Illi l-punto di partenza fil-konsiderazzjoni li trid issir m'hemmx dubju li hi l-famuża kwotazzjoni ta' Lord Mansfield fil-każ Carter vs Boehm (1766):*

Insurance is a contract based upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie most commonly in the knowledge of the insured only; the underwriter trusts to his representation and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist. Good faith forbids either party by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain from his ignorance of that fact, and his believing the contrary.

*Illi dan jissarraf fid-dottrina tad-*duty of disclosure *li hija abbinata mad-dottrina tal-*uberrima fide.

*Illi b'hekk ġie diversi drabi ritenut illi stante li meta l-assikurat jersaq ħalli jiġi assikurat, peress li s-soċjetà attriċi ma taf xejn dwar l-assikurat u r-riskju intrapriż, allura hemm l-obbligu fuq l-assikurat illi jagħmel full* disclosure *tal-fatti kollha materjali li f'moħħ is-soċjetà assikuratriċi għandhom iwassluha biex tieħu deċiżjoni jekk taċċettax dak ir-riskju jew le.*

*Għalhekk l-eserċizzju li jrid isir huwa li wieħed jara jekk in-nuqqas tal-assikurat fil-każ odjern jammontax għal fatt materjali jew le.*

*Illi fil-liġi tagħna b'differenza għal ċertu ġurisdizzjonijiet oħra m'għandniex liġi kodifikata li tidderiġi lill-ġudikant sabiex jiġi stabbilit fiex jikkonsisti "**fatt materjali**" u b'hekk huwa l-ġudikant f'kull każ, u każ b'każ, li jrid jara jekk fil-fehma tiegħu fatt jew fatti li ma nġibux a konoxxenza tas-soċjetà assikuratrici jammontax għal fatt materjali, jew le.*

*Illi l-ġudikant irid jagħmel dan billi jissostitwixxi id-diskrezzjoni tiegħu għal dik tas-soċjetà assikuratrici meta kienet qed tikkonsidra jekk taċċettax ir-riskju kieku kienet a konoxxenza tal-fatt mistur, jew jekk kenitx timponi forsi kondizzjonjiet partikolari qabel ma taċċetta r-riskju.*

*Illi dan l-eserċizzju mentali tal-ġudikant irid isir mingħajr is-sapjenza del poi. Iġifieri l-ġudikant meta qed jixtarr jekk is-soċjetà assikuratriċi kenitx taċċetta r-riskju kieku kienet taf bil-fatt li ġie mistur, ma jridx jieħu in konsiderazzjoni l-fatt li eventwalment ġara inċident li fuqu jkun sar il-claim da parti tal-assikurat.*

*Illi l-arbitru ra l-fatti kollha tal-każ, partikolarment is-segwenti fatti:*

- *Il-fatt illi l-assikurat qatt ma kellu claims preċedenti mas-Citadel għalkemm kellu diversi vetturi, dgħajjes, jet ski u anke d-dar assikurata magħhom;*
- *Il-fatt li l-assikurat kien ilu snin assikurat mas-soċjetà assikuratriċi, u dan ma kienx każ fejn kulma kellu kien biss din l-assikurazzjoni li kienet għadha kif bdiet;*
- *Il-fatt illi l-assikurat kellu fedina penali relattivament netta – kif jirriżulta mill-istess sentenza kriminali;*
- *Il-fatt illi l-inċident li kien involut fih ma kellux xejn x'jaqsam ma frodi jew inċidenti awtomobilistiċi, jew serq jew ħruq, imma ġlieda meta rreaġixxa għal kliem offensiv fil-konfront tiegħu, u minħabba l-post fiżiku fejn ġew sofferti l-ġrieħi mill-parti l-oħra fil-ġlieda instab ħati li kkaġuna feriti ta' natura gravi, u fil-fatt l-istess qorti kriminali deherilha li kella tevita piena karċerarja.*
- *Il-fatt li l-inċident in kwestjoni sar fis-sena 2010 mentri l-*proposal form *in kwestjoni imtliet fis-sena 2015.*

*Illi l-arbitru fela wkoll l-ispjegazzjoni li tat Ms Jennifer Gatt meta qalet li dan in-*non disclosure *da parti tal-assikurat kien rilevanti għalihom għaliex li kieku kienu jaf bis-sentenza tal-assikurat ma kienux jaċċettaw li jassikurawh għax kienu jikkonsidraw lill-assikurat bħala suġġett għal* revenge attacks *u barra minn hekk minħabba r-*record kriminali *tiegħu kienu jassoġġettaw lill-impjegati tagħhom għal riskju mhux neċessarju.*

*Illi l-arbitru wara li fela dan kollu, u xtarr sew il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik barranija, hu tal-fehma li kieku r-risposta għad-domanda fil-*proposal form *kienet imtliet mod ieħor, iġifieri li kieku l-assikurat kien fil-fatt qal li kellu sentenza kriminali deċiża kontrih, u ta spjegazzjoni dwar fiex kienet tikkonsisti tali sentenza, allura s-soċjetà assikratriċi xorta kienet taċċetta li tassikura lill-assikurat, u a tempo vergine - meta kienet qed timtela l-proposal form - ma kenitx tqis dan il-fatt bħala fatt materjali.*

*Illi fil-fatt id-domanda fil-*proposal form *tgħid hekk:*

"Have you and all additional drivers been prosecuted or convicted of any offence or is any such prosecution pending?

If yes give details"

*Illi dan jagħmilha ċara illi l-fatt li kien hemm sentenza kriminali per se ma kienx ikun ta' ostakolu sabiex ir-rikorrent jiġi assikurat, imma s-soċjetà assikuratriċi kienet tara s-sentenza kriminali x'kienet eżattament u mbagħad tara jekk dan kienx ikun ta' impediment f'moħħa li tassikura.*

*Illi l-arbitru jħoss li s-soċjetà Citadel, kieku kienet taf bis-sentenza kriminali tal-assikurat tagħha, li kien ilu snin assikurat magħha minn qabel is-sentenza kriminali, xorta waħda kienet tkompli tassikurah, partikolarment tenut kont tal-fatti msemmija iktar 'l fuq.*

*Illi l-arbitru jhoss li r-raġunijiet miġjuba mis-soċjetà assikuratrici biex jiġġustifikaw għaliex dan il-fatt kien fatt materjali ma jaslux li jikkonvinċu l-arbitru li fil-fatt dan kien jammonta għal fatt materjali, u huma iktar ġustifikazzjoni post inċident sabiex jiġġustifikaw il-posizzjoni li ħadet is-soċjetà assikuratriċi, u l-prinċipju ta'* uberrimae fidei *ma jistax jiġi użat mill-assikuratur bħala skuża biex jevadi* insurance claims. *Dan minħabba l-prinċipju li l-obbligu ta'* uberrimae fidei *huwa applikabbli kemm għall-assikurat kif ukoll għall-assikurazzjoni – kif ġie kemm -il darba ribadut mill-Qrati nostrana.*

*Illi barra minn hekk ma nġiebet ebda prova konkreta ta' mala fede fil-konfront tal-assigurat li tista' twassal lill-arbitru biex jikkonkludi li ma kienx hemm il-bona fede rikjesta meta mtliet il-*proposal form.

*Illi fiċ-ċirkostanzi l-arbitru jikkonkludi li s-soċjetà assikuratrici ma kenitx ġustifikata li ma tonorax il-*claim *tal-assikurat tagħha.*

*Illi lanqas ma nġiebet prova li f'każijiet simili fejn* proposal form *ġiet mimlija b'risposta positiva, is-socjetà assikuratriċi rrifjutat li tassigura lill-proponent.*

*Illi lanqas ma nġiebet prova li xi soċjetà assikuratriċi oħra rrifjutat awtomatikament tirrifjuta li tassigura lil xi ħadd li għandu sentenza kriminali bħalma kellu r-rikorrent, tenut kont tal-istess trapass taż-żmien. Dan kien kieku jkun evdienza tanġibbli ta' xi prassi kummerċjali adottata mis-soċjetajiet assikuratriċi.*

***Dwar il-valur tal-vettura***

*Dwar il-valur tal-vettura, ir-rikorrent jikkonferma li din il-BMW kienet BMW* approved *u kienet tas-sena 2012. Hu kien xtraha lejn l-aħħar tas-sena 2014, u kien ħallas għaliha lil Omar Caruana Eur35,000. Qabel ma assiguraha ma kienx sar* survey *tal-vettura, u hu assiguraha bil-prezz li xtraha. Mir-rapport tal-inkjesta, il-valur mogħti mill-espert tal-Qorti jqarrab ferm dan l-ammont għax ġiet stmata Eur34,500.*

*Illi s-soċjetà assikuratriċi aċċettat il-*premium *fuq dak il-valur. Ms Jennifer Gatt tispjega fix-xhieda tagħha li l-assikurat kellu jġib* proof of value *tal-vettura imma dan baqa' ma ġabu qatt, madankollu s-soċjetà assikuratriċi xorta aċċettat il-*premium *fuq il-valur mogħti mill-assikurat.*

*Illi fiċ-ċirkostanzi l-arbitru propens li jaċċetta l-istima mogħtija mill-espert tal-Qorti, ċioé dik ta' €34,500.*

***Kontro-talba***
*Illi fiċ-ċirkostanzi tenut kont tal-posizzjoni tal-arbitru in kwantu jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti, l-arbitru ma jħossx li tista' tiġi akkolta t-talba kontenuta fil-kontro-talba."*

## <u>L-appell</u>

7. Is-soċjetà appellanta ħasset ruħha aggravata bid-lodo arbitrali u interponiet appell fit-12 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"...tvarja, u/jew tirrevoka u tħassar il-Lodo Arbitrali tas-16 ta' Ġunju 2022 billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent appellat in toto, u billi minflok tilqa' l-kontro-talba magħmula mill-esponenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellat".*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) il-*proposal form* u l-aċċettazzjoni tagħha min-naħa tagħha toħloq *consensus ad idem,* u tikkostitwixxi l-liġi bejn il-partijiet; (b) l-informazzjoni rikjesta fil-*proposal form* kienet tikkostitwixxi fatt sostanzjali li fuqha hija serħet id-deċiżjoni tagħha dwar jekk kellhiex toħroġ polza ta' assigurazzjoni favur l-appellat; u (ċ) l-informazzjoni falza mogħtija mill-appellat għandha twassal għall-invalidità tal-polza ta' assigurazzjoni.

**<u>Ir-risposta</u>**

8. L-appellat wieġeb fil-5 ta' Awwissu, 2022, fejn filwaqt li fisser ir-raġunijiet tiegħu, huwa talab lill-Qorti sabiex tiċħad l-appell interpost mis-soċjetà appellanta u tikkonferma l-lodo arbitrali, bl-ispejjeż kontra l-imsemmija soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tikkunsidra l-ewwel sottomissjoni magħmula mill-appellat li tolqot il-validità o meno tal-appell odjern. L-appellat jikkontendi li l-imsemmi appell huwa rritu u null għaliex ma sarx fuq punt ta' liġi skont kif jitolbu d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 69A(2) u l-artikoli 70A u 70B tal-Kap. 387. Huwa jgħaddi sabiex jiċċita d-disposizzjonijiet tagħhom, u jissottometti li dawn huma applikabbli fil-każ ta' arbitraġġi volontarji, kif proprju huwa dak odjern, u mkien ma jirriżulta d-dritt ta' appell dwar l-apprezzament

tal-provi, filwaqt li huwa speċifikat b'mod ċar fil-liġi fejn hemm dritt ta' appell anki fuq apprezzament tal-fatti. L-appellat jissottometti li fin-nuqqas ta' punt ta' liġi, il-Qorti hija prekluża milli tikkunsidra l-apprezzament tal-provi fattwali magħmul mill-Arbitru. Jgħid li fil-każ odjern, l-Arbitru m'għamel l-ebda riferiment għal xi artikolu tal-liġi u l-konklużjoni tiegħu kienet dwar l-aspetti materjali tat-talba. Barra minn hekk, is-soċjetà appellanta naqset milli ssemmi l-punt ta' liġi li dwaru kienet qegħda titlob deċiżjoni, u tonqos ukoll milli tispjega t-tifsira li l-imsemmi punt ta' liġi għandu, jingħata kif jirrikjedi l-artikolu 70B tal-Kap. 387. L-appellat jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fejn ġie spjegat b'mod ċar li f'każ ta' arbitraġġi volontarji, kien permess biss appell minn punt ta' liġi.

10. Il-Qorti tgħid li l-appellat għandu raġun. Minn eżami tar-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta, jirriżulta li l-aggravji tagħha ma jikkunsidraw l-ebda punt ta' liġi, iżda jolqtu biss il-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet. Tagħraf li l-ewwel aggravju tagħha jirrigwarda essenzjalment l-invalidità tal-polza ta' assigurazzjoni minħabba l-allegat kunsens ivvizjat tagħha meta hija aċċettat li toħroġ polza ta' assigurazzjoni favur l-appellat, fejn dan ma kienx żvela fatt sostanzjali fil-*proposal form* ippreżentata minnu. Il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta hawn mhijiex qegħda tressaq l-ebda punt tal-liġi, fejn saħansitra l-Arbitru stess meta ddeċieda din il-kwistjoni m'għamel l-ebda riferiment għal xi disposizzjoni partikolari tal-liġi, iżda kkunsidra biss il-provi u wasal għall-konklużjoni tiegħu skont l-apprezzament tal-imsemmija provi. L-Arbitru stess korrettement irrileva li:

> *"Illi fil-liġi tagħna b'differenza għal ċertu ġurisdizzjonijiet oħra m'għandniex liġi kodifikata li tidderiġi lill-ġudikant sabiex jiġi stabbilit fiex jikkonsisti "fatt materjali" u*

> *b'hekk huwa l-ġudikant f'kull każ, u każ b'każ, li jrid jara jekk fil-fehma tiegħu fatt jew fatt li ma nġibux a konoxxenza tas-soċjetà assikuratriċi jammontax għal fatt materjali, jew le".*

11. L-istess jingħad fir-rigward tat-tieni aggravju, fejn is-soċjetà appellanta tkompli tibni l-argumenti tagħha fuq l-ewwel aggravju. Issostni hawnhekk li l-informazzjoni rikjesta minnha fil-*proposal form* kienet tikkostitwixxi fatt sostanzjali li kien ittieħed in konsiderazzjoni meta hija ddeċidiet jekk għandhiex toħroġ polza ta' assigurazzjoni favur l-appellat. Filwaqt li tirrileva li l-Arbitru min-naħa tiegħu ma kkunsidrax li l-ommissjoni tal-informazzjoni in kwistjoni kienet tikkostitwixxi fatt materjali, is-soċjetà appellanta tressaq diversi argumenti fil-mertu sabiex turi kif dan fil-fehma tagħha ma kienx hekk. Għalhekk dan l-aggravju wkoll ma jistax jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti.

12. L-aħħar aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li l-informazzjoni falza li għaddielha l-appellat, għandha twassal għall-invalidità tal-polza tal-assigurazzjoni, u b'hekk għandha tiġi milqugħa l-kontro-talba tagħha. Il-Qorti tikkunsidra li ġaladarba hija prekluża mil-liġi milli tinvestiga l-aggravji l-oħra, isegwi li dan l-aggravju wkoll li huwa mibni fuq il-premessa mertu tal-istess aggravji, li l-informazzjoni rikjesta kienet tikkostitwixxi fatt materjali, ukoll ma jistax jitressaq f'din il-proċedura. Is-soċjetà appellanta tittanta tpoġġi dan l-aggravju fil-parametri stabbiliti mil-liġi għall-fini ta' appell quddiem din il-Qorti, billi tikkontendi li l-Arbitru eżerċita diskrezzjoni li l-liġi ma tippermettiex. Tgħid saħansitra li huwa ssostitwixxa d-diskrezzjoni tiegħu għal dik tagħha. Imma l-Qorti għal darb'oħra tagħmel riferiment għal dak li qal l-Arbitru fil-lodo arbitrali, jiġifieri li l-liġi tagħna tonqos milli tistabbilixxi x'inhu 'fatt materjali', u fid-dawl tal-fatt li l-liġi hija siekta għal kollox hawnhekk, hawnhekk is-soċjetà appellanta

ma tistax tikkontendi li jeżisti xi punt ta' liġi li dwaru jista' isir appell *ai termini* tas-subartikolu 69A(2) tal-Kap. 387.

13. Għaldaqstant, din il-Qorti tiddikjara li qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell intavolat quddiemha mis-soċjetà appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddikjara li l-appell odjern huwa irritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali għandhom jitħallsu skont il-lodo arbitrali, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**